**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1656 tas-6 ta' Novembru 2018 ([1]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1653 tas-6 ta' Novembru 2018 ([2]), sa fejn id-dispożizzjonijiet tagħhom jikkonċernaw ir-rikorrenti; u

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż tal-proċedura.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motiv uniku li permezz tiegħu hija tallega li l-Kunsill wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkonkluda li isimha għandu jinżamm fl-elenki li jinsabu fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2074 tat-13 ta' Novembru 2017 ([3]) u fl-Anness IV tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2063 tat-13 ta' Novembru 2017 ([4]), minkejja l-fatt li ma għadhiex Viċi-Prosekutur Ġenerali u ma hijiex relatata mal-awtoritajiet governattivi tal-Venezwela.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1656 tas-6 ta' Novembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU 2018 L 276, p. 10).

([2]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1653 tas-6 ta' Novembru 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU 2018 L 276, p. 1).

([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2074 tat-13 ta' Novembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU 2017 L 295, p. 60).

([4]) Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2063 tat-13 ta' Novembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU 2017 L 295, p. 21).

---

## Rikors ippreżentat fil-21 ta' Jannar 2019 – Il-Portugall vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-38/19)**

(2019/C 103/67)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika Portugiża (rappreżentanti: L. Inez Fernandes, P. Barros da Costa, P. Estêvão u J. Saraiva de Almeida, aġenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 7424 tas-16 ta' Novembru 2018 nnotifikata fid-19 ta' Novembru 2018 li teskludi mill-finanzjament ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) ([1]), fil-parti li eskludiet mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea l-ammont ta' EUR 8 703 417,29 għall-ispejjeż iddikjarati mir-Repubblika Portiguża fil-kuntest tal-kundizzjonalità, għas-snin finanzjarji mill-2014 sal-2016.

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi kif ukoll motiv sussidjarju.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq żball ta' liġi inkwantu l-Kummissjoni kkonkludiet li s-sistema Portugiża hija wisq klementi – ksur tal-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 ([2]) u ksur tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 54(1)(c) u tal-Artikolu 71 tar-Regolament (KE) Nru 1122/2009 ([3]).

2. It-tieni motiv ibbażat fuq, l-ewwel nett, żball ta’ liġi, ksur tal-prinċipju ta’ aspettattivi leġittimi u ksur tal-prinċipju ta’ proporzjonalità, kif ukoll tal-Artikolu 52 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1306/2013 fir-rigward tal-kalkolu tal-korrezzjoni finanzjarja, u, it-tieni nett, fuq ksur tal-prinċipju ta’ proporzjonalità.

Sussidjarjament, żball ta’ liġi u ksur tal-prinċipju ta’ proporzjonalità dovuti għal sanzjoni medja u għal impreċiżjoni teknika fid-dokument tal-Kummissjoni nnifisha C(2015) 3675 (Anness A.5).

---

([1]) Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1841 tas-16 ta’ Novembru 2018 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) [innotifikata bin-numru C(2018) 7424] (ĠU 2018, L 298, p. 34).

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta’ Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta’ appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta’ appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU 2009, L 30, p. 16, rettifika fil-ĠU 2010, L 43, p. 7).

([3]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009 tat-30 ta’ Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta’ amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta’ appoġġ għall-bdiewa previsti għal dak ir-Regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta’ appoġġ prevista għas-settur tal-inbid (ĠU 2009, L 316, p. 65, rettifika fil-ĠU 2013, L 246, p. 3).

---

**Rikors ippreżentat fl-24 ta’ Jannar 2019 – WV vs SEAE**

**(Kawża T-43/19)**

(2019/C 103/68)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* WV (rappreżentant: É. Boigelot, avukat)

*Konvenut:* Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni ta’ ċaħda tat-talba għal kumpens meħuda fit-28 ta’ Marzu 2018 mill-Awtorità tal-Ħatra kif ukoll, jekk ikun hemm bżonn, id-deċiżjoni ta’ ċaħda tal-ilment tas-26 ta’ Ġunju 2018 u adottata fis-26 ta’ Ottubru 2018;

— konsegwentement, tilqa’ t-talba għal kumpens kif ifformulata mir-rikorrenti skont l-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal u deskritta fl-atti tad-29 ta’ Novembru 2017, tirrikonoxxi u tagħti lir-rikorrenti l-ħlas ta’ kumpens mingħand is-SEAE, evalwat bla ħsara għal żieda matul il-proċedura, għal EUR 690 000, ammont stabbilit *ex aequo et bono*, bħala danni materjali, morali, ħsara għar-reputazzjoni u professjonali kkunsidrati flimkien, ammont stabbilit fil-31 ta’ Jannar 2019 u bla ħsara għal żieda fil-mori tal-kawża u bla ħsara li jintalab kumpens għal telf ta’ dħul futur minħabba tluq possibbli mill-istituzzjonijiet;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż kollha, konformement mal-Artikolu 134 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.